

Brussell, 16 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16693/25

ECOFIN 1721  
UEM 628  
FIN 1545  
*ECB*  
*EIB*

## **EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	16440/25
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali Nru 21/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: L-appoġġ mill-RRF għal ambjent tan-negozju mtejjeb

---

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali Nru 21/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "L-appoġġ mill-RRF għal ambjent tan-negozju mtejjeb – Jindirizza biss parzjalment ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, iżda xi wħud mill-ewwel riżultati ikkontribwew għall-progress fl-implimentazzjoni tagħhom" adottati mill-Kunsill fl-4147 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Diċembru 2025.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali Nru 21/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**

**"L-appoġġ mill-RRF għal ambjent tan-negozju mtejjeb – Jindirizza biss parzjalment ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, iżda xi wħud mill-ewwel riżultati kkontribwew għall-progress fl-implimentazzjoni tagħhom"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JILQA' l-pubblikazzjoni tar-rapport speċjali Nru 21/2025 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti"), IFAKKAR li t-Trattati jagħtu lill-Qorti l-kompitu li teżamina l-kontijiet tad-dħul u l-infiq kollu tal-Unjoni, u JENFASIZZA r-rwol tal-Qorti fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
2. JINNOTA li l-awditu tal-Qorti kopra l-perjodu minn Frar 2020 sa April 2025 u vvaluta jekk il-miżuri tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) ikkontribwew biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tal-ambjent tan-negozju identifikati matul is-Semestru Ewropew u riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs).
3. IQIS is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport speċjali u JOSSERVA li tlieta mill-erba' rakkomandazzjonijiet huma identiċi għal daww fir-rapport speċjali preċedenti Nru 10/2025 dwar ir-riformi tas-suq tax-xogħol tal-RRF.
4. JIEĦU NOTA tas-sejbiet tal-Qorti, li jirrikonoxxu r-rwol tal-istrument fl-inċentivar tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u IFAKKAR li, f'konformità mar-Regolament dwar l-RRF, l-Istati Membri mistennija jindirizzaw is-CSRs kollha jew subsett sinifikanti minnhom, mingħajr ma jkunu meħtieġa jqiegħdu fil-mira oqsma ta' politika partikolari tas-CSR.
5. JIEĦU NOTA tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti. JOSSERVA li t-tweġibiet tal-Kummissjoni għal tlieta mill-erba' rakkomandazzjonijiet jinsabu fit-tweġibiet tagħha għar-rapport speċjali Nru 10/2025 dwar ir-riformi tas-suq tax-xogħol tal-RRF, u JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu stess tat-12 ta' Ġunju 2025 li kienu diġà indirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet ikkonċernati.

6. JIEĦU NOTA tal-aċċettazzjoni parzjali mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti li jintuża l-kunċett ta' "qasam ta' politika" b'mod koerenti u konsistenti fl-istrumenti kollha tal-UE u fis-Semestru Ewropew u JINNOTA l-allinjament propost tal-indikaturi tal-prestazzjoni għall-programmi tal-UE taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss<sup>1</sup>.
7. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tislet tagħlimiet mill-implimentazzjoni tan-natura bbażata fuq il-prestazzjoni tal-RRF u JQIS li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti jipprovdu għarfien intuwittiv utli għat-tfassil ta' strumenti futuri potenzjali. HUWA TAL-OPINJONI, madankollu, li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ma għandhomx jippreġudikaw id-diskussjonijiet dwar il-QFP li jmiss.
8. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza li tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'konformità mal-qafas legali eżistenti.

---

---

<sup>1</sup> Tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea għar-Rapport Speċjali Nru 21/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: [L-appoġġ mill-RRF għal ambjent tan-negozju mtejjeb](#).